MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Numru 720/2000

**Artikoli 338(dd)(ee), 339(1)(b)(e),**
**95, 96, 18, 99, 383, 17(c), 20 u 23**
**tal-Kodici Kriminali**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Cutajar**

**v**

**JOSEPH ZAHRA**

**Seduta ta' llum, 20 ta' Frar 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH ZAHRA** ta' sebgha w erbghin sena bin Joseph u Anne nee Cutajar imwieled B'Bugia fis-sitta ta' April, 1953 u joqghod Block 5, House 2, Officers Mess, Triq Hal Far, Hal Far, detentur tal-karta tal-identita numru 293553M gie mressaq quddiemha akkuzat ;

1. talli fis-sitta w ghoxrin ta' Lulju, 2000 wara nzul ix-xemx ghamel ingurji jew theddid lil Victor Spiteri fil-kapacita tieghu bhala Chairman tal-Public Transport Authority jew jekk kien ipprovokat, ingjurjah b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
2. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, cioe fil-fond fuq imsemmi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied kif wkoll inghad kliem oxxen jew indicenti u/jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor mhux provdut f'dan l-Kodici, offenda l-morali, l-imgieba jew d-decenza pubblika;
3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, hedded b'gebel jew hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra persuna nkarigata skond l-ligi fosthom l-Ispettur Maria Stella Cutajar aktar talli waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghad-direzzjoni tal-Ispettur Maria Stella Cutajar;
4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hekk ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna/i inkarigata/i skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;
5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew heeded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan s-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak s-servizz;
6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel ingurji jew heddid lil persuna/i nkarigat/i skond l-ligi mill-awtorita kompetenti bi kliem jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet miltuba sabiex barra milli tapplika l-ligi tapplika s-solita garanzija ai termini tal-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligjjiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 338(dd)(ee), 339(1)(b)(e),
95, 96, 18, 99, 383, 17(c), 20 u 23 tal-Kodici Kriminali .

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-tal-Avukat Generali nhar t-tlieta ta' Awissu, 2002, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tad-disgha w ghoxrin ta' Awissu, 2002.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fl-udjenza tal-hmistax ta' Ottubru, 2002.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza in linea preliminari qed ssostni li l-imputat ma jistax jinsab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu ghaliex il-Prosekuzzjoni naqset li ssemmi l-lok fejn sehhew l-allegati reati addebitati lil imputat.

Il-Prosekuzzjoni sostniet li l-fond huwa ndikat bhala r-residenza tal-imputat u cioe Officers Mess, 2, Block 5, Triq Hal Far, Zurrieq u ghalhekk tali difiza ghandha tigi michuda.

Il-Qorti tirrileva li komparixxi ma hiex Att ta' Akkuza u ghalhekk l-uzu tal-kliem testwali tal-ligi ma humiex mehtiega kif rikjesti fl-Att ta' Akkuza, artikolu 589(d) tal-Kap 9 xorta pero c-citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva tirrikjedi li jkun fiha l-fatti tal-akkuza u dan bl-istess mod bhal ma meta tinqara l-akkuza fil-Qorti mill-Prosekuzzjoni, din l-akkuza jehtieg li jkun fiha l-fatti tar-reat. Dawn l-fatti iridu juru car r-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr l-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid jwiegeb (vide **Il-Pulizija v Philip Schembri** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Novembru, 1994***.)

Dan, l-ligi tezigih ghaliex b'hekk l-imputat ikun jista jipprepara d-difiza tieghu. Ilum il-gurnata l-komparixxi mhux biss hija *avviso di comparire*, izda din trid tinqara l-Qorti quddiem l-imputat u soggetta ghal artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.
Il-Qorti mhux ser tidhol fl-aspetti kostituzzjonali li jesorbitaw mill-kompetenza taghha pero tirrileva li s-sub artikolu 2 tal-artikolu 360 tal-Kap 9 kellu u ghandu l-iskop proprju li jaghti kemm jista jkun informazzjoni lil persuna li tkun giet avzata biex tidher quddiem il-Qorti Inferjuri bil-fatti specie tal-kaz *a brief statement of the facts of the charge*.

Hawnhekk wiehed jezamina s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Marzu, 1992*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Francis Portelli** fejn din il-Qorti ddikjarat li

"*c-citazzjoni mhux hlief ordni lil imputat biex jidher quddiem il-Qorti. L-indikazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 360(2) talKodici Kriminali ma humex mehtiega mill-ligi taht piena ta' nullita tal-att tac-citazzjoni, jista d-difett taghhom igib in-nullita meta tali mankanza trendi l-imputazzjoni incerta.*"

F'din l-komparixxi il-Qorti thoss li l-Pulizija Ezekuttiva kienu negligenti meta ppresentawha minghajr ma ndikaw il-lok fejn sehhew l-allegati reati u kontravenzjonijiet. Pero din il-mankanza f'dan l-istadju cioe fl-istadju finali ma tirrendix l-akkuza nulla ghaliex llum il-gurnata jirrizulta fejn sehh l-incident.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar l-erbgha ta' Settembru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martina Galea** fejn hawnhekk l-aggravju tal-imputat, allura appellant, kien fis-sens li c-citazzjoni kienet nulla peress li l-imputazzjoni ndikat biss "Triq Nadur" minghajr ma specifikat fejn ezatt tinsab din d-triq. Dik il-Qorti ddecidiet li l-aggravju kien infondat a bazi tal-fatt li ma kienetx giet specifikata l-lokalita b'aktar precizjoni, kien biss jinkombi lil imputat, li galadarba jsir jaf mix-xhieda tal-Prosekuzzzjoni

il-lokalita, jista jitlob posponiment jew differiment biex ikun jista jiddefendi ruhu.

Kien jispetta d-Difiza tqajjem eccezzjoni bhal din fi stadju preliminari. Illum il-gurnata d-Difiza ma tistax tghid li ma kellhix c-cans tirregola ruhha skond l-fatti tar-reat ghaliex dawn huma cari.

Kieku d-Difiza qajjmet din l-eccezzjoni fi stadju preliminari, kien jkollha ragun ghaliex sa dak il-mument veru li l-imputat setgha ma kienx jaf ghal liema incident kienet qed tirreferi l-Prosekuzzjoni. Pero llum il-gurnata, din hija sorvolata ghaliex tohrog mill-kamp tal-provi u ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari qed tigi respinta.

Dwar il-meritu d-Difiza rremettiet ruhha ghall-atti pero rrilevat li f'dak iz-zmien tal-incident l-imputat kien qed jbati minn *anxiety state* kif jirrizulta mic-certifikat esibit fl-atti markat bhala dokument CC. Il-Prosekuzzjoni wkoll irremetiet ruhha ghall-atti tal-process.

Fl-ewwel lok l-imputat huwa kkuzat talli nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju, 2000 ingurja lil Victor Spiteri fil-kapacita tieghu ta' Chairman tal-Public Transport Authority jew jekk kien ipprovokat, ingurjah b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni kif kontemplat fl-artikolu 338(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti semghet lil istess **Victor Spiteri jghid fis-seduta tas-sitta ta' Dicembru, 2000** kif l-imputat cempillu u beda jheddu li ser igibu kollu dmijja. Victor Spiteri stqarr li kien jaf lil imputat peress li kellu x'jaqsam mieghu fuq xoghol u ghalhekk gharaf il-vuci tieghu. Beza' minnu tant li tkellem mal-Assistant Kummissarju u fil-fatt ghamel xi zmien bir-residenza tieghu taht sorveljanza tal-Pulizija.

Illi din x-xhieda ta' Victor Spiteri ma giet kontradetta minn hadd u ghalhekk tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat talli filwaqt li kiser l-paci pubblika b'ghajjat u glied, qal kliem oxxen jew indicenti u/jew ghamel atti u gesti oxxeni jew offenda l-morali w

imgieba xierqa jew d-dicenza pubblika kif kontemplat fl-artikolu 338(dd).

**Il-Qorti semghet lil PC 1091 Kenneth Camilleri, lil PS 184 Sviour Cacciattolo, lil PC 849 Ivan Curmi, lil PC 420 John Farrugia, u lil Ispettur Maria Stella Cutajar,** li lkoll qalu li dakinhar tas-sitta w ghoxrin ta' Lulju, 2000, ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija, huma marru fir-residenza fuq indikata tal-imputat sabiex jinvestigaw rapport li kien ghamel Victor Spiteri fil-kapacita tieghu ta' Chairman tal-Public Transport Authority meta rrapporta li l-imputat kien heddu.

L-imputat beda jkellimhom hazin, keccihom 'l hemm u beda jghidilhom li m'ghandhomx dritt javvicinw r-residenza tieghu. Hedded lil Ispettur Maria Stella Cutajar li kien ser jwaddbilha qasrija jekk ma titlaqx minn fuq il-post. Effettivament PC 1091 Kenneth Camilleri gibed lil Ispettur Maria Stella Cutajar 'l gewwa u l-qasrija tal-konkos ghaddiet zbrixx minn mal-istess Spettur Maria Stella Cutajar. Qal li kien lest li jisparalhom u ftit wara hareg minn daru b'xi hadida f'idejh u meta wasal hdejn ix-xatba li tinfed ghad-dar tieghu, qabad sahansitra wkoll katina. Qalu li l-imputat beda jidghi.

Illi din x-xhieda kollha tal-Ufficjali tal-Pulizija ma giet kontradetta minn hadd.

Illi ghalhekk minn din x-xhieda ma hemmx dubbju li t-tielet, r-raba u l-hames akkuzi jirrizulta ppruvati wkoll.

**Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni u ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara li qed issib lil imputat hati tal-akkuzi kollha moghtija fil-konfront tieghu.**

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda riflettarja hafna u li hija mimlija b'reati u kontravenzjonijiet u bizzejjed tghid li ghandha tlieta w disghin conviction registrati fuqha tul medda ta' zmien kontinwament mis-sena 1963 sa llum.

Illi l-imputat gie kkundannat kull tip ta' piena minn amenda u multi sa probation u prigunerija pero dan nonostante ma tghallimx u reggha qieghed quddiem il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Minn ezami tar-reati li l-imputat instab hati taghhom, jirrizulta li l-imputat instab hati diversi drabi ta' theddid w ingurji fil-konfront ta' Ufficjali tal-Pulizija u l-Qorti kif preseduta ma hiex ser tittollera agir barbaru bhal dan specjalment meta tqis li l-Ufficjal tal-Pulizija kienu qed jaqdu servizz.

Il-Qorti rat li ghalkemm l-imputat ghandu kondotta qisha ktieb il-Prosekuzzjoni m'akkuzathux bir-recidiva.

**Fic-cirkostanzi, il-Qorti** thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija  u wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 338(dd)(ee), 339(1)(b)(e), 95, 96, 18, 99, 383, 17(c), 20 u 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddecidi li tikkundanna lil imputat JOSEPH ZAHRA ghal sitt xhur prigunerija b'mod komplessiv.**

**Il-Qorti wkoll qed torbot lil imputat ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas, li ma jinjgurjax, ma jhedditx u ma jimmolestax lil Victor Spiteri u lil Ispettur Maria Stella Cutajar.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------